---

30 ta' Ġunju, 1947.

Imħallfin :

Is-S.T.O. Sir G. Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *President.*
L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.
L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.

Neg. Frank Borg *versus* Paul Bondin

**Bejgh — Rifjut tal-Merkanzija — Speditezza fil-Kummerċ.**

*Ix-xerrej għandu d-dover li juża ċerta speditezza fl-affarijiet inerenti għan-negozju tiegħu; għaliex il-kummerċ ma jammettix dewmien ingustifikat. Għalhekk ix-xerrej li jirċievi l-merkanzija u ma jkunx irid jaċċettaha, għax jidhirlu li mhix ta' kwalità tajba, ma jistax iżommha għandu u wara żmien jippretendi li jirritornaha lura lill-venditur.*

Il-Qorti. — Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-attur quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tiegħu r-Re, fejn talab li, wara li

jsiru d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti meħtieġa, il-konvenut jiġi kundannat iħallas lilu s-somma ta' £491. 5. 2, bilanċ ta' somma akbar dovuta għall-prezz ta' lenez, zappin, gas oil, galletini, u għall-forrituri li huwa għamel akkont tal-konvenut għall-bastiment "Nuova Pasqua", skond il-kont unit (dok. "A"), bl-imgħaxijiet kummerċjali u bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-13 ta' Lulju 1946;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti fuq imsemmija fit-12 ta' Novembru 1946, fejn laqgħet id-domanda limitatament għal £119. 9. 8 u ċaħditha għall-kumplament, u ordnat illi l-ispejjeż ibatuhom ¾ l-attur u ¼ il-konvenut; wara li kkunsidrat;

Illi l-kwistjoni bejn il-partijiet hija fuq il-lenez u z-zappin, għax il-konvenut jammetti li għandu jagħti tal-merċa l-oħra dettaljata fil-kont meħmuż mat-taħrika;

Illi mill-provi rriżulta li l-attur, fuq suġġeriment tal-Kontrollur tas-Sajd, ordna l-importazzjoni ta' tunnellata lenez minn Sqallija bil-ħsieb li jbigħhom lill-konvenut, biex dan ibigħhom bid-dettall fis-sajjieda............. Taħt iċ-ċirkustanzi li ssemmiew il-Qorti ma tistax ma tarax fid-diskors u fl-imġiba tal-partijiet konklużjoni definitiva ta' bejgħ u xiri; iżda ma jistax jingħad li l-konvenut intrabat biex jixtri t-tieni partita wkoll tal-lenez; u meta kien issemma li kellha tiġi ordnata tunnellata lenez, il-konvenut ma tkellem xejn; u meta waslet it-tieni partita l-konvenut mill-ewwel ċar u tond qal li ma jridhiex. Fuq iz-zappin jirriżulta li l-konvenut obliga ruħu li jixtrieh jekk dan ikun mit-tajjeb; kampjun ma wrewhx u meta l-konvenut irċevih minn għand l-attur, sabu ta' kwalità inferjuri li ma timxix ħlief fi żmenijiet ta' skarsezza, għax ma jiżbogħx karg. Għaldaqstant il-konvenut mhux obligat iżommu bħala mixtri minnu;

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-attur u l-petizzjoni tiegħu fejn talab illi s-sentenza fuq imsemmija tiġi riformata, billi tiġi konfermata fejn laqgħet parti mit-talba tiegħu u akkollat parti mill-ispejjeż lill-konvenut u tiġi revokata għall-kumplament, u għalhekk jiġu milqugħa t-talbiet ta' l-attur fl-interezza tagħhom, bl-ispejjeż kollha taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut;

*Omissis*;

Tikkunsidra;

*Omissis*;

Illi fuq il-partita l-oħra taz-zappin irriżulta, kif tajjeb irriżulta lill-Ewwel Qorti, illi l-appellat aċċetta li jieħu dik il-partita "jekk hija tajba". Dik il-kondizzjoni rriżultat magħmula mill-appellat. Irriżulta anki mill-provi illi dik il-partita s-sajjieda ma riedu hiex, għax ma kienetx ta' kwalità tajba. L-appellant issottometta illi kien imissu l-appellat aġixxa fi żmien qasir; iżda din l-eċċezzjoni hija mingħajr bażi, għaliex f'dan il-każ ma kienx vizzju redibitorju, iżda sempliċement il-kwalità ma kienetx tajba; u huwa ħadha taħt il-kondizzjoni illi l-kwalità tkun tajba

Ikkunsidrat;

Illi l-bejgħ taz-zappin sar per mezz ta' Axiak, kif jirriżulta mix-xhieda tiegħu (fol. 49 tergo); xi jumejn wara li ħa l-konsenja taz-zappin l-appellat informa lil Axiak, li kien qiegħed joħroġ il-permessi għall-bejgħ ta' dak iz-zappin, biex ma joħroġx iżjed permessi għall-bejgħ ta' dak iz-zappin, għaliex is-sajjieda ma jriduhx għaliex mhux ta' kwalità tajba; u dan kien xi jumejn jew tlieta wara l-konsenja. Iżda ma rriżultax illi lil Borg, li kien il-venditur, dan il-fatt ġie kommunikat sew mill-appellant sew minn Axiak. Kien biss wara sitt ġimgħat, meta waslet l-iskuna li kienet ġiebet dak iz-zappin, illi l-appellat ħass in-neċessità li jiġi in kommunikazzjoni ma' Borg fuq din l-affari, u qallu:— "Dak iz-zappin ma jridu ħadd; l-aħjar ħaġa li tagħmel tgħid lil Trombetta (sid l-iskuna) jieħdu lura". U allura l-appellat irrisponda:— "Jieħdu lura wara li ħallastu?"

Kif ġie ritenut fil-ġurisprudenza lokali, f'materja kummerċjali huwa dover ta' min jixtri illi juża ċerta speditezza f'affarijiet inerenti għan-negozju; għaliex il-kummerċ ma jammettix illi jkun hemm dewmien inġustifikat. Issa kif l-appellat ra illi s-sajjieda ma kienux iridu dak iz-zappin għax ma kienx ta' kwalità tajba, kif informa lil Joseph Axiak kien dover tiegħu illi jew jinforma lill-venditur tiegħu, jew almenu wara ċertu żmien raġjonevoli jibgħat lura dik il-merkanzi-

ja, u mhux iħalliha għandu għal sitt ġimgħat, u mbagħad, wara dak iż-żmien, għaliex kienet daħlet l-iskuna li kienet ġiebitu, jippretendi li jagħti lura dak iz-zappin. Huwa kien imissu aġixxa bid-diliġenza koliha f'materja simili; u la darba ma għamelx hekk, ma jistax wara jippretendi li jirritorna l-merkanzija u jippreġudika lill-venditur;

*Omissis;*

Għal dawn ir-raġunijiet u għal dawk ta' l-Ewwel Qorti sa fejn kompatibili;

1. Tilqa' l-appell prinċipali u tiddikjara illi l-konvenut huwa responsabili għall-ħlas tal-prezz tal-partita zappin, u għalhekk mas-somma li għaliha ġie kundannat, fl-ammont ta' £119. 19. 8, għandha tiżdied is-somma ta' £76. 2. 0, li għaliha l-konvenut jiġi kundannat; l-ispejjeż taż-żewġ istanzi jitħallsu in kwantu għal 2/5 mill-appellat u in kwantu għal 3/5 mill-appellant;

*Omissis;*

F'dan is-sens biss tirriforma s-sentenza li minnha hemm appell.